# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, 27 ta' April, 2018

## Rik. Nru. 538/18JRM

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 538/18 fl-ismijiet:

**MARIE DE LOURDES COMPANY LIMITED (C – 58194)**

vs

**REĠISTRATUR TAL-BASTIMENTI** fi ħdan *Transport Malta* u l-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura; u b'degriet tal-lum imsejħin Reġistratur-Ġenerali ta' Bastimenti u Baħrin u Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' April, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-intimati milli "jikkanċellaw mir-reġistru tal-Bastimenti ta' Malta l-opra tal-baħar bl-isem '*M.v. Marie de Lourdes II*' bin-numru uffiċjali 14296";

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2018[1], li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għaxart ijiem għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tad-19 ta' April, 2018;

Rat it-Tweġiba mressqa fis-16 ta' April, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-intimati laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalu li huma jmisshom jissejħu "Reġistratur-Ġenerali ta' Bastimenti u Baħrin" u "Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali" u mhux kif issejħu fir-Rikors. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma jmisshiex tintlaqa' għaliex id-deċiżjoni meħuda tissejjes fuq il-ħtieġa li l-Istat Malti jieħu azzjoni immedjata biex ma jintefa' l-ebda dell ikrah u biex ma ssir l-ebda ħsara għall-isem tajjeb li tgawdi l-bandiera Maltija, u dan minħabba li kemm il-kumpannija rikorrenti u kif ukoll il-bastiment milqut bl-ordni attakkat jagħmlu parti minn listi ta' entitajiet li dwarhom inħarġu sanzjonijiet u kif ukoll fuq id-direttiva tal-Bord ta' Sorveljanza maħruġa taħt Regolamenti li jsiru fl-Interess Nazzjonali[2]. Jisħqu li r-raġuni mogħtija mill-intimat Reġistratur-Ġenerali hija waħda speċifika u bl-ebda mod vaga, minħabba li ssemmi li ttieħdet fl-interess nazzjonali. Iżidu jgħidu li l-ħsara li kellha ssir lil Malta kieku kellu jinħareġ il-Mandat tkun wisq akbar mill-ħsara li ġġarrab il-kumpannija rikorrenti kieku kellu jitwettaq l-ordni magħmul mir-Reġistratur-Ġenerali intimat. Itemmu jgħidu li, għall-każ imressaq mill-kumpannija rikorrenti, ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kumpannija rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li l-kumpannija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "MDL") trid iżżomm lill-intimati, jew lil min minnhom, milli jagħlqu l-opra tal-baħar imsemmija fir-Rikors (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Bastiment") minn fuq ir-Reġistru tal-Bastimenti ta' Malta;

[1] Paġ. 11 tal-atti
[2] Att XX tal-1993 (Kap 365)

Tqis li MDL hija sidt il-Bastiment li huwa reġistrat bħala bastiment tas-sajd kummerċjali[3];

Tqis li, fi Frar tal-2018[4] d-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti tal-Amerika ħareġ lista ta' persuni – fiżiċi u legali – meqjusa bħala "*specially delegated nationals*" (minn issa 'l hemm imsejħa "SDN") li dwarhom dak id-Dipartiment impona t-teħid ta' miżuri ('*black-listing*' u '*asset freezing*') b'rabta ma' attivitajiet meqjusa magħmula bi ksur ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill ta' Sigurta` tal-Ġnus Magħquda dwar l-isfruttar ta' riżorsi naturali mil-Libja, fosthom karburanti jew prodotti mnissla minnhom. Dik il-lista nħarġet bis-saħħa ta' Ordni Eżekuttiv tal-President tal-Istati Uniti;

Tqis li MDL hija waħda mill-entitajiet imsemmija espressament bħala SDN fl-imsemmija lista meqjusa bħala suspettati li wettqu attivita` illeċita bi ksur tal-imsemmija sanzjonijiet. Il-Bastiment ma jissemmiex fl-imsemmija lista;

Tqis li fit-3 ta' Marzu, 2018[5], il-Bord tas-Sorveljanza Dwar is-Sanzjonijiet (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord") imwaqqaf taħt il-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta[6], ħareġ ċirkolari li biha għarraf lil min intbagħtet bir-riżoluzzjonijiet mgħoddija mill-Kunsill tas-Sigurta` tal-Ġnus Magħquda bejn l-2014 u l-2017 dwar l-imsemmija sanzjonijiet, u kif ukoll bl-Ordni Eżekuttiv maħruġ mill-President tal-Istati Uniti tal-Amerika f'Ordni Eżekuttiv, u qal li l-persuni jew entitajiet li ssemmew bħala SDN iridu jitqiegħdu taħt skrutinju u li, ladarba fost l-imsemmija SDN hemm Maltin jew entitajiet Maltin, jirrakkomanda lill-operaturi ekonomiċi u lill-istituzzjonijiet finanzjarji f'Malta biex jiġbru u jgħaddulu t-tagħrif kollu li jista' jkollhom dwar kull SDN imsemmi ħalli jkun jista' jevalwa t-teħid ta' miżuri meħtieġa skond kif maħsub fir-Riżoluzzjonijiet tal-Ġnus Magħquda;

Tqis li, fl-istess ċirkolari, il-Bord żied jirrakkomanda lill-istess operaturi ekonomiċi u istituzzjonijiet finanzjarji f'Malta li jniedu proċess imsaħħaħ ta' skrutinju ("*enhanced due diligence*") meta jkollhom x'jaqsmu ma' xi SDN jew persuni li jinnegozjaw magħhom billi jgħassu mill-qrib fuq kull attivita` jew negozju li jsir minnhom u li jżommu tagħrif aġġornat tal-assi, il-ġid u l-flejjes tal-istess SDN;

Tqis li ssemma waqt it-trattazzjoni tar-Rikors li, xi jiem wara, il-Bord bagħat ittra lill-Ministru intimat, li fiha issuġġerielu jqis jekk kellux jibgħat jagħti direttiva lill-SDN milqutin (safejn jirrigwarda bastimenti msemmija jew

[3] Dok "B", f'paġ. 7 tal-atti
[4] OFAC Executive Order 13726
[5] Dok "VB1", f'paġġ. 23 – 4 tal-atti
[6] A.L. 562 tal-2010 (L.S. 365.08)

reġistrati f'isem xi persuna jew entita` bħal dik) li kien se' jsir l-għeluq tar-reġistrazzjoni tal-bastimenti minn fuq ir-Reġistru tal-Bastimenti li jtajru l-Bandiera Maltija. Ingħad li kien fuq is-saħħa ta' dik l-ittra li l-intimat Reġistratur-Ġenerali bagħat l-avviż tiegħu tas-7 ta' Marzu, 2018[7], lil MDL;

Tqis li, fl-imsemmi avviż, ir-Reġistratur-Ġenerali intimat bagħat javża lil MDL li jekk kemm-il darba fi żmien xahar minn dakinhar ma kenitx se titneħħa l-kawża li twassal għad-deċiżjoni meħuda, kien sejjer jirrikmanda l-għeluq tar-reġistrazzjoni ta' isem il-Bastiment mir-reġistru tal-Bastimenti f'Malta. Fl-imsemmija ittra ma tingħadx x'kienet il-kawża li n-nuqqas ta' rimedju tagħha kienet twassal għall-imsemmi għeluq. Tgħid, iżda, li għeluq ta' reġistrazzjoni jista' jsir taħt l-artikolu 29 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili[8] jekk ikun fl-interess nazzjonali jew fl-interess tal-bastimenti Maltin;

Tqis li wara li ntbagħtet dik l-ittra, saru laqgħat bejn rappreżentanti ta' MDL u l-intimat Reġistratur-Ġenerali jew nies li jaqgħu taħtu;

Tqis li saż-żmien mogħti mill-imsemmi intimat fl-avviż tiegħu (xahar żmien), il-qagħda li kienet teżisti fis-7 ta' Marzu, 2018, baqgħet ma nbidlitx fir-rigward tal-Bastiment u kif ukoll fir-rigward ta' MDL;

Tqis, qabel kull ħaġa oħra, li għar-rigward tal-'eċċezzjoni preliminari' mqajma mill-intimati, f'atti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni mhuwiex imħolli li jitqajmu eċċezzjonijiet preliminari ladarba l-għan ta' dawk l-atti huwa dak li jqisu l-għoti ta' rimedju limitat fiż-żmien u fl-għamla. Eċċezzjonijiet "preliminari" ma jsibux posthom fi proċedura bħalma hija dik fejn jintalab il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ma għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[9]. Biex "eċċezzjoni" bħal dik tista' titqies, trid tkun waħda li torbot ma' xi nuqqas ewlieni marbut mas-siwi tal-att ġudizzjarju nnifsu jew ħwejjeġ marbuta ma' dan u li l-liġi tikkontemplahom meta tqis is-siwi ta' atti ġudizzjarji[10];

Tqis li l-liġi tagħti li att imressaq quddiem qorti jista' jissewwa jew jinbidel fiċ-ċirkostanzi maħsuba – il-bidla fit-tismija tal-att huwa wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi[11] – u sakemm il-bidla ma tolqotx fil-mertu n-natura tat-talba jew id-difiża;

---

[7] Dok "A", f'paġ. 6 tal-atti
[8] Att XI tal-1973 (Kap 234)
[9] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[10] Art. 789 tal-Kap 12
[11] Ara art. 175(1) u (2) tal-Kap 12

Tqis għalhekk li, għalkemm MDL naqset li tressaq talba f'dan is-sens, il-Qorti tista' minn rajha ssewwi att ġudizzjarju jew tordna li jsiru fih tibdiliet sakemm ma tkunx għadha għaddiet għall-għoti tal-provvediment[12] u dan għaliex dan ma jġib l-ebda ħsara lill-partijiet u lanqas jolqot fil-mertu t-talba jew l-eċċezzjonijiet għaliha;

Tqis għalhekk li, b'riferenza għall-ewwel kontestazzjoni mqajma mill-intimati, hija qiegħda tordna li, għall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir it-tiswija fl-"okkju" tal-atti tar-Rikors u kull fejn huwa meħtieġ, billi l-mod li bih l-intimati jridu jissejħu għandu jkun "Reġistratur-Ġenerali ta' Bastimenti u Baħrin" u "Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali" rispettivament u li din il-bidla tkun riflessa fl-atti tar-Rikors;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat[13];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[14]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[15];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[16]. Il-ħarsien li l-liġi

[12] Art. 175(3) tal-Kap 12
[13] Art. 873(1) tal-Kap 12
[14] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[15] Art. 875(3) tal-Kap 12
[16] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[17] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li fejn il-liġi titlob l-għoti ta' dikjarazzjoni li l-ħaġa li kienet qiegħda titwaqqaf kienet sejra tiġri li kieku ma kienx għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat, dan l-element huwa sodisfatt. Fil-bidu tas-smigħ ta' din il-proċedura saret dikjarazzjoni mill-intimat Direttur-Ġenerali fis-sens li, kieku ma kienx għall-fatt li ntalab il-ħruġ tal-Mandat u li kieku l-Qorti ma kinitx laqgħet it-talba b'mod provviżorju, kieku r-reġistrazzjoni tal-Bastiment kienet tkun ingħalqet diġa`;

Tqis, għalhekk, li MDL seħħilha turi li dan l-element jirriżulta;

Tqis li, għal dak li jirrigwarda l-jedd mad-daqqa t'għajn li MDL tistrieħ fuqu f'din il-proċedura, hemm dak li hija, bħala sidt il-Bastiment, tgħid li għandha jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġha u li tali tgawdija ma titteħidx b'mod kapriċċjuż jew abbużiv. Hija tgħid li, minkejja li ntbagħtilha l-avviż mill-intimat Reġistratur-Ġenerali, ma ssemmietx ir-raġuni li bis-saħħa tagħha kien se jsir l-għeluq tar-reġistrazzjoni tal-Bastiment u lanqas kellha jew għandha rimedju biex tikkontesta dik l-ordni jekk mhux wara li l-Ordni jkun inħareġ;

[17] Art. 873(3) tal-Kap 12

Tqis li, l-intimati jgħidu li r-raġuni ssemmiet fl-avviż innifsu (l-interess nazzjonali u l-interess tal-bastimenti Maltin) u għalhekk MDL ma għandhiex jedd mad-daqqa t'għajn xi tħares;

Tqis li l-effetti li jġib miegħu l-għeluq ta' reġistrazzjoni ta' bastiment huma radikali għall-aħħar, billi jġibu l-opra tal-baħar bla bandiera, t-twaqqif minnufih ta' tbaħħir u bit-telfien ta' kull benefiċċju marbut ma' dak l-istat[18]. Fil-każ tal-Bastiment, dan iġib miegħu wkoll l-effett tal-irtirar tal-liċenzji dipartimentali għas-sajd u attivita` marbuta magħha;

Tqis li l-għeluq tar-reġistrazzjoni jġib ukoll fis-seħħ minnufih effetti sekondarji favur xi kredituri ipotekarji eżistenti tal-Bastiment u l-preżunzjoni li titnissel dwar dawk il-krediti u l-jedd li l-bastiment jinbiegħ minnufih[19];

Tqis ukoll li l-liġi ma tagħti lil persuna milquta minn ordni taħt l-artikolu 29 tal-Kap 234 l-ebda rimedju ta' stħarriġ tas-siwi ta' dak l-ordni jekk kemm-il darba mhux wara li l-ordni jkun inħareġ u r-reġistrazzjoni tal-bastiment tkun ingħalqet u l-ħsara tkun saret;

Tqis li minn dak li jissemma fir-Rikors promotur (u li l-intimati jidher li jaqblu dwaru), ir-raġuni ewlenija li bis-saħħa tagħha MDL tniżżlet fil-lista ta' SDN hija xilja li l-azzjonist ewlieni ta' MDL indaħal f'attivita` milquta mis-sanzjonijiet internazzjonali b'rabta ma' kummerċ illeċitu ta' bejgħ u ġarr ta' karburanti mil-Libja, u liema xilja bħalissa hija fi stadju ta' stħarriġ quddiem qrati f'pajjiż ieħor u ma ngħatat dwaru l-ebda sentenza li sabet ħtija dwar ix-xilja magħmula kontrih;

Tqis li, għalhekk, l-ordni tolqot il-Bastiment li daħal fix-xena għaliex inzerta huwa ġid reġistrat f'isem MDL u MDL ma setgħet tagħmel l-ebda ħaġa li biha tibdel il-qagħda fiż-żmien ta' xahar lilha mogħti mill-intimat Direttur-Ġenerali fl-avviż minnu mibgħut;

Tqis li, f'dan il-qafas ta' kunsiderazzjonijiet, MDL seħħilha turi li għandha, mad-daqqa t'għajn, jedd li jistħoqq ħarsien;

Tqis li, għar-rigward ta<u>l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat</u> bħal dan, din tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[20], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd

[18] Art. 29(5) tal-Kap 234
[19] Artt. 29(5) u 30 tal-Kap 234
[20] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[21];

Tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-kumpannija rikorrenti, il-ħsara li MDL sejra ġġarrab li kieku kellu jseħħ dak li l-intimat Reġistratur-Ġenerali avżaha li se jsir tkun waħda bla ebda rimedju. Għalkemm l-intimati jgħidu li, f'kull każ, "kollox jista' jirriverti ruħu għall-istat li kien qabel"[22], huwa ċar li minħabba l-effetti radikali li jġib miegħu l-għeluq tar-reġistrazzjoni ta' bastiment (kif tfisser qabel), qajla jista' wieħed jgħid li l-qagħda tista' titreġġa' lura għal li kienet qabel ma, tal-anqas, tkun mistħarrġa d-deċiżjoni tal-għeluq u s-siwi tagħha;

Tqis għalhekk li MDL seħħilha turi li dan l-element jirriżulta wkoll;

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-element tal-proporzjonalita` tal-ħsara li jġarrbu l-partijiet rispettivi, din il-kwestjoni tqiegħed quddiem il-Qorti konsiderazzjonijiet rilevanti u serji;

Tqis li, min-naħa tal-intimati, huma jisħqu li n-nuqqas ta' twettiq tal-għeluq tar-reġistrazzjoni tal-Bastiment jaf jaħlaq ħsara lil pajjiżna u "jkollha effetti internazzjonali impronunzjabbli u rrimedjabbli"[23] u kif ukoll itebba' l-isem tajjeb li l-Bandiera marittima Maltija tgawdi mal-erbat irjieħ tad-dinja;

Tqis li, mill-banda l-oħra, MDL tgħid li l-għeluq tar-reġistrazzjoni tal-Bastiment tagħha jwassal kemm għat-twaqqif ta' kull attivita` u tħaddim tal-Bastiment innifsu u l-għixien li minnu jiddependu bosta, u kif ukoll għat-tixjin tas-siwi tal-istess Bastiment;

Tqis li, qabel xejn, bħalma huwa xieraq u siewi li Malta twettaq ir-rabtiet internazzjonali tagħha taħt id-Dritt Internazzjonali, daqshekk ieħor huwa siewi għal isem Malta li titħares is-saltna tad-dritt f'dak li jirrigwarda l-jeddijiet bażiċi tal-persuni milquta minn deċiżjonijiet amministrattivi, mqar jekk dawn ikunu l-effett ta' miżuri meħuda minn Istituzzjonijiet Dinjija jew minn Stati sovrani bħalma, wara kollox, hija Malta;

Tqis li ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ħsara li tbati MDL bl-għeluq tar-reġistrazzjoni hija waħda kbira u mill-qiegħ;

Tqis li, min-naħa l-oħra, fl-avviż mibgħut mid-Direttur-Ġenerali intimat lil MDL fis-7 ta' Marzu, qalilha espressament li dak l-avviż kien qiegħed

[21] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***
[22] Par. 10 tat-Tweġiba, f'paġ. 14 tal-atti
[23] Par. 8 tat-Tweġiba f'paġ. 14 tal-atti

jintbagħat "without prejudice to any other action which may be taken in terms of Article 29 of the Merchant Shipping Act". Dan ifisser li l-istess intimat kien iqis li hemm u jista' jinqeda b'rimedji oħrajn biex jitħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu u tal-liġi bla ma jkollu għalfejn jirrikorri għall-għeluq tar-reġistrazzjoni tal-Bastiment;

Tqis għalhekk li, meta jsir tqabbil bejn il-ħsara li ġġarrab MDL li kieku t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax mal-ħsara li jġarrbu l-intimati li kieku t-talba kellha tintlaqa', il-keffa xxaqleb ħafna aktar kontra MDL milli kontra l-intimati;

Tqis għalhekk li dan l-element jirriżulta wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu; u

**Tordna** li l-intimati jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, is-27 ta' April, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**